**Laqgha Numru 03/K6/2011 – Laqgha urgenti**

**Introduzzjoni**

It-Tielet Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2011 li saret nhar il-Gimgha 28 ta' Jannar 2011.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsillier Lauro Fava kien skuzat. **(Ara dokument A)**

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fis-26 ta' Jannar 2011. L-Agenda kienet:

**01. Proposta ta' One Way System.**

## 01. Proposta ta' One Way System.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit qal li din il-laqgha kienet qed issir minhabba li l-proposta li baghat huwa permezz t'e-mail ma kienx hemm qbil unanimu dwarha. **(Ara dok B u C)** Il-kelliem informa lill-Kunsill li wara diversi lmenti li kien ircieva kemm huwa kif ukoll il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli dwar l-immanigjar tat-traffiku li qed ikun hemm fl-akwati tal-bini ta' l-iskola primarja ta' Pembroke, kif ukoll wara diversi osservazzjonijiet kif ukoll sabiex ma jintilifx hafna parking fi Triq il-Kurunell Lorenzo Manche', ippropona li Triq Madre Margherita de Brincat, Triq il-Kurunell Lorenzo Manche' u parti minn Triq Gabriele Henin, ghandhom ikunu maghluqa ghat-traffiku fil-hinijiet tad-dhul u hruġ tat-tfal ta' l-iskola fil-granet ta' l-iskola skond il-hinijiet li kienu saru bi qbil mal-Kap ta' l-Iskola Primarja; Li Triq il-Kurunell Lorenzo Manche' tkun One way jigifieri traffiku jista' jimxi biss minn naħa ta' Triq Dun Amabile Sisner jew dak li jigi minn Triq Madre Margherita de Brincat fid-direzjoni ta' Triq Gabriele Henin; u li l-ahhar parti ta' Triq Gabriele Henin, jigifieri l-parti ta' bejn Triq Gio Felice Inglott u Triq il-Kurunell Lorenzo Manche' ghandha tkun No Entry mid-direzzjoni ta' Triq il-Mediterran. **(Ara dok D)**

1.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.03. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat staqsiet ghala Triq Madre Margerita de Brincta mhux ser tkun One Way ukoll.

1.04. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li din it-triq hija wiesa bizzejjed.

1.05. Il-Kunsill qabel unanimament fuq il-proposta tas-Sindku Joe Zammit.

1.06. Is-Sindku Joe Zammit qal li n-nies ta' l-akwata ghandhom jigu nfurmata b'din id-decizjoni.

1.07. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat staqsiet kemm kienet ilha ghaddeja d-diskussjoni fuq din il-problema.

1.08. Is-Sindku Joe Zammit qal li fl-ahhar xhur saru diversi laqghat u konsultazzjonijiet mar-residenti koncernata nkluz site visits fuq il-post. Il-kelliem fakkar ukoll li l-Kunsill ghamel diversi proposti u fid-dawl ta' l-ahhar laqgha li saret ma' TM inkluz ukoll il-perikli u problemi li qed ikun hemm ta' kuljum li qed jizdiedu, il-kelliem qal li hass li kien kaz urgenti u kien ghalhekk li ghamel laqgha b'urgenza.

1.09. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat staqsiet jekk dan fissirx li l-Kunsill seta' iddiskuta din il-problema qabel bdiet l-iskola lura f'Ottubru u ma kienx jithalla l'issir laqgha b'urgenza apparti l-fatt li dan is-suggett seta' jigi diskuss fil-laqgha li ghaddiet.

1.10. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-laqgha setghet issir wara l-laqgha li saret dan l-ahhar ma' Trasport Malta.

1.11. Is-Sindku Joe Zammit ghalaq il-laqgha fil-5.35pm wara li fakkar lill-Kunsilliera li l-laqgha li jmiss ser issir nhar l-Erbgha 23 ta' Frar 2011 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| Joe Zammit | Kevin Borg |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |